# L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS): K1/2024

NR 108/2024 Data tal-Ħruġ: 13 ta' Ġunju 2024

*Fl-ewwel kwart tal-2024, l-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol stima li n-numru ta' nies li kellhom xogħol kien ilaħħaq it-306,571, li huma 4.6 fil-mija aktar meta mqabbla mas-sena ta' qabel.*



**L-istatus tax-xogħol**

Stimi tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol juru li, fl-ewwel kwart tal-2024, in-numru ta' impjiegi kien ilaħħaq 306,571 jew 64.3 fil-mija tal-popolazzjoni fl-età ta' ħmistax-il sena u aktar (15+). L-ammont ta' persuni qiegħda kien jammonta għal 9,301 (1.9 fil-mija), filwaqt li n-numru ta' persuni mhux attivi fis-suq tax-xogħol kien ta' 161,243 (33.8 fil-mija) (Tabella nru 1). Fil-perjodu li qed jiġi meqjus f'din l-istqarrija, ir-rata tal-attività fis-suq tax-xogħol kienet ta' 81.3 fil-mija, bl-ogħla rata tkun fost persuni fl-età ta' bejn il-25 u l-54 sena (91.6 fil-mija) (Tabella nru 2).

**In-nies li jaħdmu**

Bħala medja, 79 persuna minn kull 100 fl-età bejn il-15 u l-64 sena kienu qegħdin jaħdmu. Għall-irġiel, ir-rata tax-xogħol kienet ta' 84.7 fil-mija, filwaqt li għan-nisa din kienet ta' 72.0 fil-mija (Tabella nru 4). L-akbar sehem ta' persuni jaħdmu kien qalb in-nies fl-età bejn il-25 u l-34 sena, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa (Ċart nru 1).

Dawk li jaħdmu għal rashom kienu jammontaw għal 13.8 fil-mija tan-nies kollha b'impjieg ewlieni (Tabella nru 5). Il-biċċa l-kbira tan-nies li jaħdmu jagħmlu dan fuq bażi full-time u kienu jgħoddu 271,309, filwaqt li 35,262 oħra kellhom impjieg part-time bħala l-impjieg ewlieni tagħhom (Tabella nru 6). Ir-riżultati juru li, bħala medja, il-persuni full-time ħadmu 40.9 siegħa, filwaqt li dawk part-time ħadmu 21.5 siegħa fil-ġimgħa. Fl-ewwel kwart tal-2024, in-nies li jaħdmu fil-fatt ħadmu 34.1 siegħa fil-ġimgħa, 1.4 ta' siegħa inqas meta mqabbla mal-istess kwart tas-sena ta' qabel (Tabella nru 7).

Fl-ewwel kwart tal-2024, is-salarju bażiku medju fix-xahar tal-impjegati kien stmat ta' €1,928. L-ogħla salarju bażiku kien irreġistrat fil-qasam tal-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni (Tabella nru 9). Is-salarji medji fix-xahar varjaw minn €1,223 fost persuni impjegati f'xogħlijiet elementari għal €3,132 fost il-maniġers (Tabella nru 11).

## Ċart nru 1. L-impjiegi bil-grupp tal-età u s-sess




**In-nies qiegħda u dawk mhux attivi fis-suq tax-xogħol**

Ir-rata tal-qgħad għall-ewwel kwart tal-2024 kienet ta' 3.0 fil-mija (Tabella nru 13). L-akbar għadd ta' persuni qiegħda kien qalb in-nies fl-età bejn il-25 u l-74 sena (Tabella nru 12). In-nisa kienu jifformaw 58.7 fil-mija tan-nies kollha li ma kinux attivi fis-suq tax-xogħol u dawk 'il fuq minn 65 sena kienu jirrappreżentaw l-akbar għadd ta' nies mhux attivi (Tabella nru 15). Ir-raġuni ewlenija għaliex in-nies ma kinux attivi fis-suq tax-xogħol kienet minħabba li tkun intlaħqet l-età tal-irtirar jew minħabba li l-persuni jkunu rtiraw qabel iż-żmien (41.7 fil-mija) (Tabella nru 16).

**Il-livell edukattiv milħuq**

Erbgħin fil-mija tan-nies fl-età ta' 15-il sena u aktar kellhom livell ta' edukazzjoni baxx (Tabella nru 17). Bil-maqlub ta' dawn, 37.0 fil-mija tan-nies li jaħdmu kellhom livell ta' edukazzjoni terzjarja (Tabella nru 18).